**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 2 ta' Dicembru 2019**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 807/2019**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Standing Ovations Company Limited u**
**Dr Edric Edward Paul Bonello u martu Ann Bonello nee Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-20 ta’ Awwissu 2019 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fit-lett skritturi privati datati 25 ta' Lulju 2009 (Dok. "A"), 9 ta' Gunju 2010 (Dok. "B") u 3 ta' Mejju 2011 (Dok. "C") kif ukoll in forza tat-tliet kuntratti in atti n-Nutar Dottor Peter Carbonaro, datati 6 ta' Ottubru 2009, 10 ta' Awwissu 2010 u 6 ta' Lulju 2011, is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Standing Ovations Company Limited;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta intimata Standing Ovations Company Limited fis-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf, u hames mija u sebgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€184,577.54) bilanc ghad-debitu fil-"Business Loan u Overdraft Accounts" ta' Standing Ovations Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3', Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F7") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Gunju 2019 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’tlett kuntratti in atti n-Nutar Dottor Peter Carbonaro, datati 6 ta' Ottubru 2009, 10 ta' Awwissu 2010 u 6 ta' Lulju 2011 u ghal hames skritturi privati datati 16 ta' Gunju 2010 (Dok. "G") 6 ta' Ottubru 2010 (Dok. "H"), 27 ta' Awwissu 2011 (Dok. "I"), 28 ta' Awwissu 2011 (Dok. "J"), u 27 ta' Ottubru 2012 (Dok. "K") il-konvenuti Dr Edric Edward Paul Bonello u martu Ann Bonello Mifsud iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Standing Ovations Company Limited ghal-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Standing Ovations Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A", "B", "C", "G", "H", "I", "J" u "K"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

5. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz tal zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Ottubru 2016 li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "L" u Dok. "M", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti in atti n-Nutar Dottor Peter Carbonaro, datati 6 ta' Ottubru 2009, 10 ta' Awwissu 2010 u 6 ta' Lulju 2011 u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti A", "B", "C", "G", "H", "I", "J" u "K"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-sojeta attrici; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum bejniethom lis-socjeta attrici is-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf, u hames mija u sebgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€184,577.54) bilanc ghad-debitu fil-"Business Loan u Overdraft Accounts" ta' Standing Ovations Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F7") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Gunju 2019 sad-data tal-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mil-konvenuti Dr Edric Edward Paul Bonello u martu Ann Bonello nee Mifsud lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 18 ta' Ottubru 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati u ma dehrux ghas-seduti, kif lanqas ma deher id-difensur taghhom biex jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Dorianne Tanti, rapprezentanta tal-bank attur fejn ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-bilanc ghadu kollu dovut kif kwotat fir-rikors gurament bl-imghax jiddekorri kuljum;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur u semghet it-trattazzjoni tal-bank attur;

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum bejniethom lil bank attur is-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf, hames mija u sebgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€184,577.54) bilanc ghad-debitu fil-"Business Loan u Overdraft Accounts" ta' Standing Ovations Company Limited mall-istess bank, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Gunju 2019 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur